Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 544 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Raymond Xuereb

Illum 20 ta Novembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Raymond Xuereb, detenur tal-karta tal-identita Maltija 16655 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-25 ta' Dicembru, 2016 ghal habta ta` 00:35hrs bil-vettura MQZ 042 ġewwa TRIQ HAL QORMI, HAMRUN:

[1] Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15A (1))

[2] Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mil-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15B (1))

[3] Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-puluzija jew min ufficjal iehor ta` awtorita ohra waqt il-qadi ta` dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b`xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu. (Kap 9 Artiklu 338 (EE))

[4] Bhala persuna volontarjament ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni b`ghajjat u storbju jew b`mod iehor (Kap 9, Artiklu 338 (dd))

[5] Bhala persuna ingurajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq persuna ta` wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li tbezza jew tinfluwixxi kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta` dan is-servizz (Kap 9 Artiklu 95)

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-5 ta' Dicembru, 2017, fejn il-Qorti illiberat mill-akkużi numri tlieta [3], ħamsa [5] u sabithu ħati tal-akkużi numri wieħed [1], tnejn [2], erbgħa [4] u;

Immultatu multa ta' €1400.00 liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fil-1 ta' Frar 2018, b' dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufiħ u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor.

Il-licenzja mhux sospiza ghal din id-darba biss.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Dicembru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti

**jogħġobha, skond il-Liġi u fl-aħjar interessi tal-Ġustizzja, tirriforma l-imsemmija sentenza billi:**

i. **tikkonferma l-ħtija misjuba fil-konfront tal-appellat in kwantu l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba` (4) akkuża u l-piena inflitta mil-Ewwel Onorabbli Qorti, dik ta` multa ta` elf u erba mitt ewro (€1,400.00);**

ii. **tapplika s-segħta tagħha mogħtija mil-liġi, senjatament tramite l-Artikolu 15 H (2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta` Malta, sabiex timponi l-piena preskritta mil-liġi fl-intier tagħha, u għalhekk tipproċedi billi tiskwalifika lill-appellat milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur;**

iii. **tikkonferma l-liberatorja mogħtija mil-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu it-tielet (3) u l-ħames (5) akkuża.**

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huma car u manifest u fis-semplicita tieghu jikkonsisti f' dan li gej:

Illi fit-tnax (12) ta` Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b' mod ċar u manifest fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti applikat piena li, minħabba fix-xorta jew kwantita` tagħha, hija differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-parti misjuba ħatja tkun ingħatat sentenza. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jintavola dan l-umli appell skont kif provdut fl-Artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kapitolu 9 u fl-Artikolu 63 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta` Malta.

Illi l-aggravju li qiegħed jiġi sollevat huwa li l-piena inflitta mil-ewwel Onorabbli Qorti għas-sejbien tal-ħtija tal-appellat għall-ewwel (1) u tieni (2) akkuża, ċioe` għar-reati mniżżla fl-Artikoli 15 A u 15 B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta` Malta, hija differenti minn dik preskritta fil-liġi odjerna, senjatament fl-Artikolu 15 H (2) tal-istess Kapitolu 65 (li jittratta dwar reati u pieni għall-ksur tal-imsemmija Artikoli 15 A u 15 B);

Illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15 H tal-istess Kapitolu 65 huma ċari in kwantu li kull persuna li tikser xi disposizzjonijiet tal-imsemmijin Artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta` reat, u meta tinsab ħatja ta` tali reat għandha teħel, fil-każ tal-ewwel kundanna (applikabli għal-każ odjern), multa ta` mhux anqas minn elf u mitejn ewro (€1,200) jew għal priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;

Illi di piu`, l-imsemmi Artikolu 15 H (2) jipprovdi li, b' żieda mal-pieni taħt is-subartikolu numru wieħed (1), il-Qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna (applikabli fil-każ odjern) għal żmien ta` mhux inqas minn sitt xhur. L-istess subartikolu jipprovdi li f' każ ta` kundanna fejn persuna instabet ħatja li ma kienetx f' kundizzjoni li ssuq minħabba xorb taħt l-Artikolu 15 B, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15 H (2) għandhom jgħoddu biss fejn il-proporzjon ta` alkohol fin-nifs jkun jaqbeż il-limitu preskritt bi tmien (8) mikogramma jew iżjed fin-nifs;

Illi mil-evidenza prodotta quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti (senjatament iċ-ċertifikat tar-riżultat tal-' breathalyzer set' ), ġie ppruvat suffiċentament li l-appellat infatti qabeż sew il-limitu preskritt mill-imsemmi Artikolu 15 H (2), riżultat li mmarka xejn inqas minn 066.6 ug/100ml, ċioe tlieta w għoxrin (23) milligramma iktar mill-imsemmi limitu sui riferut;

Illi di piu`, ma jidhirx li fis-sentenza odjerna tal-Ewwel Onorabbli Qorti sar l-ebda referenza għal Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, li jittratta fuq il-pieni taħt il-minimum stabbilit;

Għal dawn il-motivi, hija l-umli fehma tal-appellant li, tenut kont tal-provi indisputabbli miġjuba quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-liġi odjerna (ċioe` id-

disposizzjonijiet tal-Artikolu 15H kollha) għandha tiġi applikata fl-intier tagħha, iktar w iktar in vista tal-aġir tal-appellat fil-konfront tal-Pulizija fil-każ odjern (nonostante li hu stess kien għamel żmien fis-servizz tal-Korp tal-Pulizija) kif ukoll mid-dawl tal-fatt illi ma jirriżultax li xogħlu fil-preżent huwa strettament dipendenti minn użu tal-liċenza tas-sewqan ta` vettura.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal -11 ta' Ottubru, 2018.

Ikkunsidrat,

Dan hu appell tal-Avukat Generali minn sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar il-5 ta Dicembru 2017.

Il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti u dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

Illi fil-25 ta' Dicembru 2016, ghall-habta ta' 00.35a.m. waqt li PC 1537 u PC 1276 kienu qed ighamlu xi *road blocks* fi Triq Hal, Qormi, il-Hamrun waqfu lill-appellant li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Renault numru ta' registrazzjoni MQZ 042. Meta PC1537 avvicina lis-sewwieq tal-vettura sabiex jitolbu il-licenzja tas-sewqan nnota li dan kellu riha qawwija ta' xorb. Ghalhekk talab li jingieb xi portable *brathalyzer set* sabiex jara jekk is-sewwieq li kien l-appellant odjern kienx qabez il-limitu ta' alcohol fis-sistema tieghu permess mill-ligi.

Meta eventwalment wasal dan it-test l-appellant beda jilmenta mal-ufficcjali tal-pulizija ghaliex hass li ma kienx qed jigi trattat sew stante li fuq il-post dak il-hin kien hemm madwar hames ufficcjali tal-pulizija. Eventwalment it-test sar u dan ta rizultat ta' 066.6mg\100ml. L-appellant irrabja u beda jipprotesta u jkun aggressiv. L-appellant pero' ffirma r-risultat tat-test u dan jinsab esebit fl-atti a fol. 38.

Illi l-appellant instab hati mill-ewwel Qorti ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza u mhux hati tat-tielet u hames akkuza u illiberatu minnhom. Rigward l-akkuzi li nstab hati taghhom l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant komplessivament ihallas multa ta' elf u erbgha mitt euro (€1,400) liema multa l-Qorti ordnat li setghet tithallas b'rati mesnili u kosnekuttivi ta mitt Ewro (€100) l-ewwel pagament kellu jsir sa mhux aktar tard mill-1 ta Frar 2018.

L-Avukat Genreali irrileva li l-ewwel Qorti ma ordnatx l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant u kien ghalhekk li interpona umli appell peress li hass li l-piena inflitta fix-xorta jew kwalita' taghha kienet differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-appellant instab hati billi ma imponitx l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Illi fit-trattazzjoni taghha l-avukat prosekutur stqarret li l-ewwel Qorti naqset meta ma imponitx is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan u dan ghaleix l-ligi hija tassattiva f'dan ir-rigward u ghalhekk f'kaz ta htija tal-akkuzi that l-artikolu 15A u 15 B tal kapitolu 65 tal-ligijeit ta' Malta l-Qorti **ghandha** (u ghalhekk m ghandhiex diskrezzjoni li timpani) l-iskwalifika.

Illi l-appell tal-Avukat Generali huw alimtat f'dan ir-rigward biss.

Minn naha l-ohra d-difiza stqarret fid-difiza orali taghha li l-ewwel Qorti izomm dawn is-seduti tat-traffiku b'mod informali hafna u dan sabiex thaffef fl-ghoti tas-sentenzi taghha u hemm diversi kazijiet fejn ma gietx ordnata l-iswkalifika tal-licenjza tas-sewqan ta' min kien qed isuq u instab hati ta reati simili. Argumenta li dan kien kaz isolat u peress li l-appellant huwa Head of Security tista' taffettwalu l-impieg tieghu ukoll. Dan jista jkun argument f'kaz ta' applikazzjoni futura li ssir ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9.

Jinghad qabel xejn li l-paraguni huma odjuzi u dan ghaliex kul kaz ghandu jigi gudikat ghalih u dejjem fil-parametri ta' dak li jiddisponi l-ligi. Hija l-ligi li torbot l-id tal-gudikant u mhux in-numru ta' kawza li ghandu quddiemu. Ghandu diskrezzjoni fir- rigward tal-kwistjoni ta' htija pero' meta jigi biex jimponi l-piena ghandu isegwi l-parametri tal-piena li tkun giet stabilita' fil-parlament meta giet promulgata il-ligi in diskussjoni.

Ikkunsidrat.

L-appellant instab hati fis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti ta' l-ewwel u t-tieni akkuza u cioe' tar-reati kif naxxenti mill-artikoli 15A u 15B tal- kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu s-segwenti:-

**15A.(1)** *"Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jewikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuqminħabba xorb jew drogi"* u

**15B. (1)** *" Ebda persuna m'għandha ssuq, tipprova ssuq jewtkun fil-kontroll ta' vettura bil-muturjew vettura oħra fit-triq jewf'post pubbliku ieħor wara li tkun ikkunsmat tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina jkun iżjed mil-limitu preskritt"*

Ghalhekk biex l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' din l-akkuza kellha bil-fors issib li l-appellant kellu tant alcohol fin-nifs tieghu li kien izjed minn dak preskritt mill-ligi. Illi jirrizulta minn esami tar-risulatat esebit fl-atti a fol 38 li l-appellant kellu 066.6 mb\100ml fin-nifs. Dan ir-rizultat ma giex kontestat mill-appellant fl-ebda hin. Jigi imfakkar li l-massimu permessibbli mil-ligi huwa ta'thirty five ug/one hundred ml (35ug/100ml).

Jirrizulta li ghalhekk meta l-appellant inghata ir-rizultat tat-test li kellu 066.6 mg/100ml kien qabez il-limitu preskritt mill-ligi bl-ammont ta' 23mg/100ml kif tajjeb osserva l-avukat mill-ufficcju tal-Avukat Generali.

Illi l-artikolu 15H (2) jipprovdi "*li b'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, …"*

Ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda diskrezzjoni dwar jekk tistax tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghaliex l-legislatur ghogbu juza il-kelma '**ghandha**[1]' u dan ifisser li l-Qorti kellha l-obbligu li timponi l-iskwlaifika. Din ma hix kwistjoni kif kontemplata fl-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 fejn taht din id-dispozizjoni tal-ligi ghandha diskrezzjoni jekk timponix l-iswalifika u diskrezzjoni tal-perijodu ta' l-iskwalifika li tista' talvolta timponi. Izda hija regola statutorja li f'kaz ta' htija fl-ewwel okkazzjoni l-Qorti ghandha tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' sitt xhur bhala minimum oltre il-kundanna tal-hlas monetarju.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' htija fir rigward ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza u l-

[1] Enfasi ta din l Onorabbli Qorti.

piena inflitta f'dan ir-rigward. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet u hames akkuza u lliberatu minnhom pero' timmodifika is-sentenza billi qiegha tordna l-iskwlaifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal-perijdou ta' sitt xhur mill-illum.

It-terminu tas-sospensjoni jibda' ghaddej mill-lum f' nofs il-lejl.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur